# Każ Nru CEDUC-25-6837

5 ta' Diċembru 2025

L-Onorevoli Dott Angelo Farrugia
Speaker
Kamra tad-Deputati
Pjazza Ħelsien
Il-Belt Valletta
VLT 1111

Onorevoli Speaker

Fit-termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman qiegħdin nibgħatu kopja tal-Opinjoni Finali, flimkien ma' dan ir-*resumé* tal-każ u korrispondenza oħra relevanti, biex jinġiebu għall-attenzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra u biex jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra għall-attenzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati. Dan ir-Rapport sar wara investigazzjoni kondotta dwar l-ilment miġjub minn sitt ġenituri.

## ***<u>Resumé</u>***

Il-persuni hawn aktar 'l fuq indikati huma ġenituri ta' tfal li jattendu is-San Miguel Resource Centre. Minħabba nuqqas ta' qbil mal-Awtoritajiet tal-Edukazzjoni dwar ċerti aspetti tal-edukazzjoni tat-tfal tagħhom fl-iskola msemmija, huma talbu laqgħa mad-Direttur Ġenerali responsabbli. Huma talbu wkoll li għal din il-laqgħa jitkellmu għalihom koppja oħra – A.B. u C.B. – li għandhom esperjenza vasta fil-qasam tal-edukazzjoni ta' tfal bi bżonnijiet speċjali peress li huma kellhom tifel li f'xi żmien kien jattendi resource centre.

Minħabba l-ostilità tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni fil-konfront tal-istess A.B. u C.B., it-talba tas-sitt ġenituri li ilmentaw sabiex jitkellmu għalihom

A.B. u C.B. ġiet miċħuda, u l-laqgħa ġiet kanċellata u posposta diversi drabi, u sal-lum baqgħet ma saritx.

Ir-riżultanzi fattwali u legali tal-investigazzjoni kondotta jinsabu fil-paragrafi 5 sa 8 tal-Opinjoni Finali tal-10 ta' Novembru 2025.

L-imsemmija Opinjoni Finali, bir-rakkomandazzjoni kontenuti fil-para. 11, ġiet komunikata fl-istess ġurnata, ċioè fl-10 ta' Novembru 2025, lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni, li fit-13 tal-istess xahar wieġeb, permezz tad-Direttur Internal Audit and Compliance, li ma kienx ser isegwi dik ir-rakkomandazzjoni. Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni sotto iffirmat irreplika fil-25 ta' Novembru 2025. Fl-istess ġurnata aħna ktibna lill-Onorevoli Prim Ministru fit-termini u għall-fini u effetti tal-Artikoli 17C(1) u 22(4) tal-Kap. 385.

Qed jiġi preċiżat li l-ilment sekondarju tal-ilmentaturi dwar id-disponibilità tal-basic time-table mhux qed jiġi segwit aktar minn dan l-Uffiċċju.

Billi sal-lum ir-rakkomandazzjoni (prinċipali) baqgħet ma ġietx segwita mill-Awtoritajiet tal-Edukazzjoni, qed nippreżentawlek dan ir-rapport għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Insellu għalik

Joseph Zammit McKeon
Ombudsman

Vincent A De Gaetano
Kummissarju għall-Edukazzjoni

Dokumenti annessi:

- Opinjoni Finali datat l-10 ta' Novembru 2025
- Ittra lis-Segretarju Permanenti MEYR datata 10 ta' Novembru 2025
- Risposta mid-Direttur Internal Audit and Compliance MEYR – 13 ta' Novembru 2025
- Replika mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni – 25 ta' Novembru 2025
- Ittra lill-Prim Ministru – 25 ta' Novembru 2025

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Fax: +356 2124 7924 | Email: office@ombudsman.org.mt www.ombudsman.org.mt